# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 753/2020 JVC**

**Dr Joseph M. Sammut u Dr Gianella Farrugia**

**vs**

**Frankie Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrent Dr Joseph M. Sammut et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti gew appuntati bhala trustees permezz ta' digriet tas-16 ta' Settembru 2019 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A") sabiex jamministraw l-assi tad-defunt Anthony Sammut (K.I. 32949M).

2. Illi meta l-esponenti hadu f'idejhom l-amministrazzjoni tat-trust, fost il-propjeta tat-trust hemm mil-fond ufficjali immarkat erbgha u sittin (46) flat numru tnax (12), maghruf bl-isem ta' 'Chalton' fi Triq J. Quintinius, San Pawl il-Bahar.

3. Illi mill-informazzjoni li kisbu, l-esponenti rrifjuta li dan il-fond kien qed jigi okkupat mill-intimat u li l-ftehim li permezz tieghu kien gie moghti l-fond hu skeda aktar minn sentejn (2) ilu li tul dan l-ahhar sentejn (2) huwa qatt ma hallas xi forma ta' kera.

4. Illi ghalhekk l-intimati qed jiddikjaraw l-imsemmi fond minghjar ebda titolu validu bil-ligi.

5. Illi l-intimat ghalkemm interpellat biex jizgombra u jivvaka l-imsemmi flat baqa' inadempjenti.

6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167(1)(b) *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi din hija azzjoni ghal zgumbrament billi m'hemmx titolu validu skont il-ligi u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet ghat-talbiet taghhom.

7. Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-atturi qeghdin jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

   i) Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artiklu 167 (1)(b) *et sequitur* tal-Kap.12 tal-

Ligijiet ta' Malta stante illi din hija azzjoni ghal zgumbrament billi m'hemmx titolu validu skont il-ligi u, fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet taghhom.

ii) Tikkundanna u tordna lill-intimat jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-fond bl-indirizz bin-numru ufficjali erbgha u sittin (46) flat numru tnax (12), 'Chalton', f'Triq J. Quintinius, San Pawl il-Bahar stante illi qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat**

Rat illi l-intimat Frankie Bugeja debitament notifikat attenda ghas-seduta tal-lum ;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Frankie Bugeja fil-verbal tal-lum illi ddikjara illi huwa dispost li johrog mill-fond in kwistjoni suggett illi jinghata ftit zmien sabiex johrog l-affarijiet tieghu u ma jintalabx hlas tal-kera b'lura;

Il-Qorti rat il-kontenut kollu tal-verbal u hadet konjizzjoni tieghu.

Illi tenut kont li din hija kawza bil-giljottina l-Qorti ghaddiet fl-istess verbal sabiex tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh;

Illi stante illi t-titolu tar-rikorrenti fuq il-fond bl-indirizz sitta u erbghin (46) flat tnax (12), 'Chalton', Triq J. Quintinius, San Pawl il-Bahar ma giex bl-ebda mod kontestat mill-intimat;

Stante wkoll illi jirrizulta illi l-intimat ma ghandhu l-ebda titolu validu fir-rigward ta' l-istess fond.

**Decizjoni**

Il-Qorti ghalhekk tghaddi f'dan l-istadju sabiex taqta' w'tiddeciedi t-talba rimanenti billi tilqa' t-tieni talba u tikkundanna u tordna li l-intimat jizgombra mill-fond bl-indirizz bin-numru ufficjali sitta u erbghin (46) flat tnax (12), 'Chalton', Triq J. Quintinius, San Pawl il-Bahar u dan fi zmien massimu ta' xahrejn mil-lum;

L-ispejjez tal-kawza jibqaw bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Ottubru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2020**